



Brussell, 6 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10874/18

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0217 (COD)
2018/0218 (COD)
2018/0216 (COD)

AGRI 339
AGRIFIN 74
AGRISTR 51
AGRILEG 110
AGRIORG 53
CODEC 1239
CADREFIN 146

NOTA

minn: Presidenza

lil: Kunsill

Nru dok. Cion: 9645/18 + COR 1 + ADD 1
9634/18 + COR 1 + ADD 1
9556/18 + REV 1 (en, de, fr) + COR 1

Suġġett: Il-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020
- *Informazzjoni mill-Kummissjoni*
- *Skambju ta' fehmiet*

Fl-ewwel nofs tal-2017, il-Kummissjoni Ewropea kellha konsultazzjoni pubblika dwar "l-immodernizzar u s-simplifikazzjoni tal-PAK" li fil-prinċipju kkonfermat il-biċċa l-kbira tal-istrumenti ta' politika attwali, iżda fl-istess ħin enfazzjat il-burokrazija żejda bħala ostaklu ewlieni biex il-politika ma jirnexxilhiex tilħaq b'suċċess l-oġġettivi tagħha. Abbażi tal-konsultazzjoni u tal-esperjenza kemm tal-Istati Membri kif ukoll tal-Istituzzjonijiet Ewropej, is-**simplifikazzjoni** u s-**sussidjarjetà** huma għalhekk żewġ oġġettivi ewlenin tal-proposti tal-Kummissjoni għall-PAK ta' wara l-2020. Wieħed jista' saħansitra jgħid li huma l-*leitmotiv* tal-proposti.

Kemm is-simplifikazzjoni kif ukoll is-sussidjarjetà għandhom ikunu provduti prinċipalment permezz tal-**mudell ta' implimentazzjoni ġdid**, skont liema l-parametri ta' politika bażiċi jkunu stabbiliti fil-livell tal-UE (sett komuni ta' objettivi, tipi ta' intervent wesgħin, rekwiżiti bażiċi, prinċipji għall-kontrolli), u l-Istati Membri jerfgħu r-responsabbiltà ta' kif għandhom l-aħjar jiġu ssodisfati l-objettivi u jintlaħqu l-miri stabbiliti. Skont il-Kummissjoni jista' jkun hemm simplifikazzjoni sostanzjali jekk jitneħħew il-kriterji tal-eliġibbiltà fil-livell tal-UE u l-Istati Membri jitħallew jiddefinixxu d-dettalji tal-interventi tagħhom, inklużi l-kondizzjonijiet tal-eliġibbiltà, li huma l-aktar adatti għaċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom. Pereżempju, skont il-leġislazzjoni proposta, minflok ma jkun hemm diversi regoli dettaljati dwar l-**investimenti** stabbiliti fil-livell tal-UE, il-leġislazzjoni l-ġdida tistabbilixxi objettivi ta' politika ġodda u ftit regoli bażiċi, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddefinixxu l-miżuri adatti u r-regoli tal-eliġibbiltà, imfasslin għall-ħtiġijiet u l-ispeċifikitajiet individwali tagħhom, dwar kif l-aħjar li jintlaħqu.

L-ewwel reazzjonijiet tal-Istati Membri urew l-importanza li jagħtu kemm lis-simplifikazzjoni kif ukoll lis-sussidjarjetà, u urew ukoll il-ħtieġa għal analiżi bir-reqqa tal-piż amministrattiv li l-proposti jistgħu jgħolqu għall-bdiewa u l-awtoritajiet nazzjonali.

Mistoqsijiet għall-ministri

- ⇒ **Taħseb li l-proposti huma biżżejjed biex ikun hemm simplifikazzjoni reali għall-bdiewa u l-amministrazzjonijiet u sussidjarjetà ta' veru filwaqt li jiġi ssalvagwardat qafas komuni?**
- ⇒ **Jekk le, tista' tagħti eżempji konkreti ta' fejn tara li hemm skop għal simplifikazzjoni u sussidjarjetà ulterjuri?**